# L-GĦANJA TAL-POPLU

## FESTIVAL L-UNIVERSITÀ
## il-Ħadd 29 ta' Novembru
## fis-6.30 p.m.

L-GĦANJA TAL-POPLU

## Il-Kanzunetti Rebbieħa fil-Festivals ta' Kant Folk Organizzati mill-Youth Travel Circle

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. 5.73 | St. Albert College | Il-Warda | *Kliem u Mużika:* Charles Casha |
| 4. 5.74 | St. Albert College | Ir-Raħal Tiegħi | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 18. 5.75 | St. Albert College | Għanja lil-Libertà | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 29. 5.76 | St. Albert College | Jgħid il-Bidwi | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 21. 5.77 | St. Albert College | Ħondoq ir-Rummien | *Kliem u Mużika:* George Cassola |
| 27. 5.78 | St. Albert College | Il-Ġid taż-Żmien | *Kliem u Mużika:* George Cassola |
| 26. 5.79 | St. Albert College | Ġuvni | *Kliem u Mużika:* Walter Micallef |
| 17. 5.80 | St. Albert College | Noli | *Kliem u Mużika:* Mario Debono |
| 16. 5.81 | St. Albert College | Minerali Astratt | *Kliem u Mużika:* Manwel Scicluna |
| 15. 5.82 | St. Albert College | Sqallija | *Kliem u Mużika:* Joe Morana |
| 14. 5.83 | Hotel Phoenicia | April | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 19. 5.84 | St. Albert College | Carmelina | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 18. 5.85 | Scouts Headquarters | Niftakar fil-Bieraħ | *Kliem u Mużika:* Julie Brincat |
| 24. 5.86 | St. Augustine's Hall | Il-Pappa | *Kliem u Mużika:* Mario Debono |

## Il-Kanzunetti Rebbieħa fil-Festivals ta' Kant Reliġjuż Organizzati mill-Youth Travel Circle

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12.12.75 | St. Albert College | Il-Pastur | *Kliem u Mużika:* Therese Cassar |
| 12.12.76 | St. Albert College | F'Din il-Lejla | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 17.12.77 | Cultural Centre Floriana | Fl-Aħħar Jasal | *Kliem u Mużika:* Margaret Mifsud |
| 14.12.78 | St. Albert College | Agħdirni Mulej | *Kliem u Mużika:* Walter Micallef |
| 15.12.79 | St. Albert College | Is-Sejħa | *Kliem:* Joan Dalli *Mużika:* Toni Pace |
| 6.12.80 | St. Albert College | Lilek Biss | *Kliem u Mużika:* Walter Micallef |
| 5.12.81 | St. Albert College | Bdiet Taħseb Marija | *Kliem u Mużika:* Mary Grech |
| 4.12.82 | St. Albert College | Jien u Hu | *Kliem:* Mary Grech *Mużika:* Mario Debono |
| 10.12.83 | St. Albert College | Terġax Tmiddni fil-Maxtura | *Kliem:* M. Bugeja *Mużika:* L. Azzopardi |
| 8.12.84 | St. Albert College | Freedom | *Kliem u Mużika:* Marie Therese Vincenti |
| 7.12.85 | St. Augustine's Hall | Invite | *Kliem u Mużika:* Manwel Mifsud |
| 7.12.86 | St. Augustine's Hall | Id-Dielja | *Kliem u Mużika:* Mario Debono |

Il-YOUTH TRAVEL CIRCLE
jippreżenta

# *L-Għanja tal-Poplu*

Festival ta' Kanzunetti Maltin
fis-Sala ta'l-Università, Msida
il-Ħadd
29 ta' Novembru 1987
fis-6.30 p.m.

*Jattendi*
*l-Onor. Dr Ugo Mifsud Bonnici*
*B.A.,LL.D.,M.P.*
*Ministru ta'l-Edukazzjoni u Kultura*

*Nirringrazzjaw lil dawn id-ditti li għenuna bil-kontribuzzjonijiet tagħhom:*

**Air Malta**

**Austrian Airlines**

**Albert Anastasi (Allwares Ltd.)**

**Coca Cola**

**Farsons**

**FIAT**

**Fotofast**

**Guillaumier**

**Karta Converters**

**Marbelt Department Store**

**Mr Ian Pecorella**

**Petroni**

**United Travel**

## *L-Għanja tal-Poplu*

Il-Youth Travel Circle ilha ħafna taħdem biex il-kanzunetta Maltija timxi 'l quddiem fl-oqsma kollha, l-aktar f'dak tal-folk. Ħajret u rawmet għadd ta' awturi u kompożituri żgħażagħ u organizzat festivals ta' kanzunetti oriġinali tul dawn l-aħħar 14-il sena. Organizzat ukoll laqgħat u seminars fejn laqqgħet lill-awturi u kompożituri Maltin flimkien biex jiddiskutu u jfasslu l-ħidma tagħhom.

Din is-sena l-Y.T.C. ħasbet biex flok il-festival għall-membri tagħha, torganizza **l-Għanja tal-Poplu,** festival fuq skala nazzjonali, għal kompożizzjonijiet oriġinali. Bih għandha l-ħsieb li toffri lill-awturi u kompożituri Maltin plak ieħor biex fuqu juru t-talenti tagħhom lill-poplu.

Jalla dan il-Festival jibda jservi ta' kull sena bħala mument li fih l-awturi, kompożituri u kantanti Maltin jiltaqgħu u jitgħallmu minn xulxin biex dejjem iżjed titjieb il-kanzunetta Maltija.

*Il-Kumitat Organizzattiv*

*Il-Kumitat Organizzattiv ta' dan il-Festival kien magħmul minn:*
*Mro. Anthony Chircop*
*Is-Sur Lino Bugeja*
*Is-Sur Trevor Żahra*
*Dun Maurice Mifsud*

*Disinn tal-Qoxra: Donald Friggieri*
*Produzzjoni: Trevor Żahra*
*Phototypesetting: Mariner – M'Scala*
*Stampat: Gutenberg Press – Żabbar*

klabb ta' attività
għaż-żgħażagħ

# YTC

- ħafna attivitajiet kull ġimgħa
- kumpannija ta' ġuvintur u tfajliet
- fost ħbieb li jilqgħuk




SAFAR IRĦIS

- ma' żgħażagħ barranin
- Londra, Vjenna, Ruma, Pariġi, Munich, Atene...
- mountain climbing, skiing, canoeing, sailing, adventure...

Youth Travel Circle
227 Triq il-Merkanti
(ftit 'l isfel mill-Posta)
Valletta - Tel.233893

# *L-Għanja tal-Poplu*

## Festival ta' Kanzunetti Maltin
## Y.T.C.
## 29.11.87

Is-17-il Kanzunetta ntgħażlu minn 37 kanzunetta li daħlu għall-eliminatorja li saret fit-18 t'Ottubru 1987.

Il-Premjijiet se jkunu:

Lm100 għall-kanzunetta li tiġi l-ewwel
Lm 50 għall-kanzunetta li tiġi t-tieni
Lm 30 għall-kanzunetta li tiġi t-tielet

Premju speċjali ta' Lm25 għall-awtur ta' l-aħjar kanzunetta b'tema soċjali. Il-ġurija tiddeċiedi dan il-premju indipendentement mill-ordni li fiha jkunu ġew il-kanzunetti.

Trofew li jinżamm għal sena mill-awtur/kompożitur tal-kanzunetta li tiġi l-ewwel.

Trofew li jinżamm għal sena u premju ta' Lm20 għall-kantant/a/i li fil-fehma tal-ġurija jkun ta l-aħjar interpretazzjoni lill-kanzunetta tiegħu.

Tropew għall-aħjar arranġament mużikali.

*It-Trofew tal-kanzunetta rebbieħa huwa xogħol oriġinali ta' Donald Friggieri*



# Kien Ħabib Tiegħi

*Kliem: Mark Vella*
*Mużika: Ray Tabone*

***Kantant: Charles Azzopardi***

*Sabiħa l-ħbiberija sinċiera u ż-żmien ħelu li ġġib magħha, iżda daqshekk ieħor ikollna wġigħ ta' qalb meta xi ħadd li mingħalina jkun ħabib sinċier, jagħmlilna d-deni u jdur kontrina.*

Xi drabi noħlom b'ħarstek
F'mumenti ta' nostalġija
Tifkira ta' met' għedtli
Qalbek se tkun għalija.
Ritratt meħud f'teatru
F'għeluq ta' ħidma kbira
Jiena niftakar fik.....niftakar fik

Fl-isfond ta' din l-istampa
Il-bniedem li fdajt fih
Kont niftaħ qalbi miegħu
Fi kliem li tar mar-riħ
Ġot-tempju tal-qalb tagħna
Ġie jħabbat il-bieb
Grazzi ħabib.....grazzi ħabib.

Kien ħabib tiegħi
Sejjaħlu ħabib
Kien ħabib tiegħi
Jerfagħlek is-salib
Grazzi ħabib.

Sellum flimkien skalajna
Sal-quċċata t-tnejn flimkien
L-ispirtu tela' għal rasek
Li bih int skirt ħabib
Dik l-għanja ta' l-imgħoddi
Issa ma ddoqqx għalik
Aktar ħabib.....aktar ħabib

Qalbek kamra battala
Dal-vojt ma stajtx nimlieħ
Int...biss kastelli fl-arja
Wegħdiet ta' żmien sabiħ
Għal-logħba tant antika
Għażiltu l-ħabib.....il-ħabib.

# San Niklaw



*Kliem: Joe Friggieri*
*Mużika: Victor Fenech*

***Kantant: Godwin Lucas***

*Jekk nibqgħu sejrin hekk, mhux se jkun hemm rokna waħda tal-kampanja Maltija li mhux se titgħatta bil-bini. Min għandu d-destin ta' dawn il-gżejjer f'idejh, għandu wkoll id-dmir li jħarishom minn dwiefer l-ispekulaturi li jibnu u jħottu fejn jiftlilhom u bla kuxjenza.*

Maz-zuntier tal-knisja ż-żgħira
f'nofs il-wied ta' San Niklaw
kif iddoqq l-Ave Marija
kienu jinżlu l-mogħoż jirgħaw
kienu jinżlu
żewġ namrati jinnamraw

Sewwasew quddiem il-knisja
taħt is-siġra tal-Gawgaw
kien hemm għajn ta' l-ilma ġieri
fejn it-tfal ta' San Niklaw
kienu jinżlu
biex jixorbu w jiċċaċċraw

Imma darba ġiet il-gaffa
f'nofs il-wied ta' San Niklaw
il-ħitan tal-knisja ġġarrfu
u bnew dar
minn dawk il-kbar
bil-bibien ta' l-aluminju
u l-kolonni
tal-lavur
bil-veranda
u l-pixxina
żewġ sulari qisha sur.

Kulħadd qal
kemm hi sabiħa
dik id-dar
barra l-mogħoż
li m'għadhomx jinżlu
biex jirgħaw
barra dawk
iż-żewġ namrati
li ħadulhom l-aħħar rokna
fejn kuljum fl-Ave Marija
kienu jinżlu jinnamraw.



# Sejbien il-Paċi

*Kliem: Joseph Bonnici*
*Mużika: Tony Farrugia*

*Kantant:Charles Cirillo*

*Ħafna drabi l-bniedem jipprova jfittex il-Paċi barra minnu nnifsu, iżda jitqarraq u flok il-Paċi jġib il-gwerer. Il-Paċi vera tinsab biss fl-għaqda tal-bniedem m'Alla.*

Alla ħoloq id-dinja
fil-Paċi u s-Sliem
u fiha poġġa l-bniedem
qallu ''Tiegħek kullimkien.''

U b'din is-setgħa f'idu
li kellu fuq il-ħolqien
il-bniedem sfratta kollox
għeb il-Paċi u s-Sliem.

Paċi, Paċi, Jien irrid il-Paċi
Il-Paċi ma' kullimkien

Kif ra l-Paċi taħrablu
hekk fis minn bejn idejh
induna hawn x'kien għamel
malajr sfaru ħuġbejh.

W il-Paċi beda jfittex
f'kull rokna, kullimkien
sa qajjem ħafna gwerer
biex forsi jsib is-Sliem.

Paċi, Paċi.........Kullimkien.

Bed'anke jfittixha
fil-ġiri w it-tbahrid,
mingħajr iblah ma nduna
li l-Paċi 'l Alla trid.

Għax Alla ħoloq id-dinja
fil-Paċi u s-Sliem
u fiha poġġa l-bniedem
qallu ''Tiegħek kullimkien.''

Għalhekk jekk il-bniedem
il-Paċi jrid isib
huwa bilfors lejn Alla
li fl-aħħar idur irid.

Paċi, Paċi.........kullimkien.

# Ħabib



*Kliem u Mużika: Manwel Mifsud*

*Kantant: William Mangion*

*Jiġu mumenti mqallba fil-ħajja ta' bniedem meta jħoss il-bżonn ta' xi ħadd li jissapportjah u jagħmillu kuraġġ, imma* ***fis-skiet,*** *bla ma jistaqsih jew jindaħallu. Fis-skiet isofri miegħu. Dan ikun il-ħabib veru, il-ħabib sieket.*

F'għajnejk nara bħal f'mera
id-diqa u l-inkwiet tiegħi
għalkemm ma titkellimx
naf li qed taqsmu miegħi.

Kull mistoqsija, żejda
u ġġedded il-passjoni
int taf minn xiex għaddej
mhemmx bżonn ripetizzjoni.

Grazzi, ħabib ta' qalbi
talli tant taħseb fija
talli ma tinsinix –
u grazzi iktar w iktar
talli ma tistaqsix.

Dal-lejl jien ħriġt niġġerra
u dħalt filgħodu kmieni;
ma rqadtx, ma ġejtx tfittixni
'mma sibtek tistennieni.

Int bħali taf xi jfisser
li taħbi l-ġamar f'ħobbok
tgħid le w iddawwar wiċċek
lil min tħobbu w iħobbok.

Grazzi, ħabib ta' qalbi......

L-oħrajn biex ifarrġuni
ġabuli l-argumenti,
'mma x'tiswa dir-raġuni
fejn jidħlu s-sentimenti?

U int b'dak fommok sieket
għamiltli l-qalb u l-ħila
għax fehimtni illi waħdi
naf negħleb dit-taħbila.

Grazzi ħabib ta' qalbi...

# L-Għanja tal-Poplu

**Festival ta' Kanzunetti Maltin**
**Organizzat mill-Youth Travel Circle**
**fl-Università, Msida**
**il-Ħadd, 29 ta' Novembru 1987**

## PROGRAMM



YADA Dancers

1. Kien Ħabib Tiegħi
2. San Niklaw
3. Sejbien il-Paċi
4. Ħabib
5. L-Għaqda...Kollox
6. Sparatura fis-Salott
7. Alternattiva
8. Kull ma rrid
9. Testment
10. Orqod Ibni
11. Kont Ħsibt illi l-Imħabba
12. Kif Ħabbew Missirijietna
13. Aħna l-Maltin
14. Toni l-Fanfru
15. Irrid Noħlom
16. Il-Manxar
17. Jisbaħ Għada

Intervall

- Żfin mill-YADA Dancers
- Iċ-Chairman tal-Festival iħabbar ir-riżultat
- Jingħataw ir-rigali u t-trophies lir-rebbieħa
- Jitqassmu ċ-ċertifikati tifkira lil min ħa sehem.

*Chairman tal-Festival: Charles Wyatt*





Jippreżentaw: Charles Xuereb
Mariella Pisani-Bencini

*L-Orkestra hija taħt id-direzzjoni ta' Mro George Debono* L. Mus. L.C.M.



# L-Għaqda... Kollox

*Kliem u Mużika: Edwin Vella*

*Kantanta: Nathalie Farrugia*

*X'hemm aqwa w isbaħ milli jkollok l-hena u l-paċi fil-familja, fis-soċjetà u fuq kollox fil-pajjiż? Iżda biex ikollok dawn trid bil-fors issaltan l-Għaqda. Bir-rieda tajba minn qiegħ il-qalb u bl-għajnuna t'Alla din tinkiseb.*

Jekk trid tista' l-paċi tikseb,
l-hena wkoll jekk trid issib;
minnek biss dan jiddependi:
Tkomplix tifred, stinka biex l-Għaqda terġa' ġġib!

Iżjed la taħqarx lid-dgħajjef,
ftakar kemm liż-żgħir għakkist,
tagħdru lill-batut imissek.
Rattab qalbek li tant webbist!

Jenħtieġ li fil-ħelsien ġejjieni nsawru,
inwettqu ħidma siewja f'tul is-snin;
bir-rieda tajba nagħrfu l-ħaqq u s-sewwa
Ngħixu lkoll aħwa Maltin!

Ej' nersqu qrib xulxin f'ġieħ din l-Art Ħelwa.
Kuraġġ, flimkien xejn m'għandna nsibu tqil!
Jekk ħabel wieħed niġbdu, sehemna nagħtu
negħlbu kull biża' u kull tfixkil.

Insa x'int, insa min inti,
'Tini jdejk bis-serjetà.
Ejja ngħaqqdu l-imħuħ tagħna
sabiex ġdida soċjetà nibnu b'dinjità.

B'ħarsa 'l fuq mela nitolbu
minn qiegħ qalbna lill-MULEJ
sabiex bidla sseħħ ġo fina,
lkoll ningħaqdu fiż-żmien li ġej!

# Sparatura fis-Salott



*Kliem u Mużika: Alfred Sant*

*Kantanta: Phyllisienne Brincat*

*Jekk il-films tal-vjolenza huma għalf għall-mibegħda, għall-ġlied u għall-firda, jidhirli li m'għandux ikollna żżejjed minnhom. Ma fihomx ħobż! Lili jaqtgħuli l-aptit u jkolli l-qalb naqliblu għal xi ħaġa aħjar fuq il-"menu" tat-telepilot. It-TV daħal fi djarna biex jedukana u jiddevertina...jew....??*

Rajt film fuq it-T.V.,
ridt nimitah perfett,
biss sibt li ġarrabt għelt
ħadt żball mill-goffi nett.

Kien film tad-demm-u-qtil
ma kienx taċ-ċajt roulette,
bdejt nitħajjar – bdejt nittajjar
għax minn dudu sirt farfett...

Bliet meqruda – rjus maħsuda
tfal feruta, xbin dik plot!
x'avventura! x'armatura!!
SPARATURA FIS-SALOTT.

Kif kellna t-tieni wild
kien tifel donnu 'ngliż,
u ridt naf x'se nsemmih
biss ma kontx naf preċiż..
Ġie l-jum sabiex ngħammduh
u mort ħdejn il-qassis,
ħdejn il-fonti, jikkonfondi
għax għal Rambo m'hemmx qaddis!

Il-familja tissetilja!
Żgur tirpilja –ġo gandott...
tfal miġbura, dik kultura..
SPARATURA FIS-SALOTT.

Fl-iskola ta' bil-lejl
id-dar fuq is-sufan,
b'instructor "bully" u kif!
l-għalliem kien it-"tirann"
Żomm l-għodda msinna sew
il-mus u l-machine gun..
f'elf rovina, bi tbissima
dlonk imeċlaq iċ-'chewing gum'...!

Bliet meqruda...



# Alternattiva!

***Kliem u Mużika:
Victor Cutajar***

***Kantanti: Victor u Marielouise***

*Inħarsu madwarna u l-ġejjieni jista' jidher imċajpar, donnu kulħadd jaħseb għal rasu. Iżda għal dan kollu hemm alternattiva waħda: l-għaqda bejnietna!*

Ġejjien
fuq ix-xefaq
qed nilmaħ
imċajpra
mudlama

Progress!
Ulied miftuma
misħuta
miċħuda
sogħbiena,

Drawwiet
Twemmin bla skop
Imħassra
Maħmuġa
Imweġġa'

Gwadann
Għall-egoiżmu
Mitluqa
Mifruda
Miblugħa

Hemm bżonn li ngħixu bħal aħwa ġo familja
Inwarrbu t-tkissir li qed jifridna
Ningħaqdu u ma nċedux, mibegħda ma rridux
Ninħabbu biex bejnietna ssaltan il-għaqda
Nitgħallmu nċedu u nistmaw aktar lil xulxin
Ma nħallux frott dina l-art isir allat
Sabiex nibnu futur ġdid għall-umanità
Nitwieldu f'futur mimli prosperità.

Għalhekk nimxu lkoll id f'id
Għall-ġid ta' l-umanità
Biex b'hekk ngħixu familja waħda
Fil-paċi u fl-onestà.

# Kull ma rrid



***Kliem u Mużika:
Amadeo Cassar***

***Kantant: Louis Dalli***

*Il-vizzju tad-drogi huwa wieħed mill-aktar mardiet serji tas-soċjetà tagħna. Iżda lil dawk li jaqgħu vittmi tad-drogi għandna nagħmlu ħilitna biex ingħinuhom.*

Waħdi ninsab
iż-żmien għaddej
moħħi fis-sħab
ara fiex ġej!

Ħajti armejt
ma nafx għalfejn
kull hemm ġarrejt
maqsum fi tnejn.
  Ma nafx kif sejjer noħroġ mill-vizzju li jien bdejt
għax l-id li ser intaqqab dejjem ħbejt.
  Ngħajjat muġugħ
qisni miġnun
f'għajnejja d-dmugħ
mill-baħħ mirdum.
  F'soddti mitluq
nolfoq nirtogħod
għalxejn maħluq
immut bil-mod.
  U f'qalbi tfeġġ ix-xewqa li neħles minn dax-xkiel
u ngħolli talba s-sema għall-ħelsien.
  Għinuni ftit
Biex nerġa' għall-ħajja w insib il-hena mill-ġdid.
Għinuni ftit
Ħa nqum fuq saqajja għaliex marid
U għinuni ftit
Biex nitla' t-tlajja' u negħleb kull taħbit.
Li ttuni daqqa t'id
Dak kull ma rrid.
  Karba lissint
b'leħen miksur
kuraġġ għamilt
bil-ħeġġa nfur.
  Nipprova ndur
sabiex inqum
'ma saħħti tmur
hekk kemm se ndum?
  U nagħmel ħilti kollha, nissielet bħal iljun
biss waħdi kull taqtiegħa għalxejn tkun.
  Għinuni ftit....

# Testment



*Kliem: Joseph Cachia*
*Mużika: Orazio Cachia*

***Kantanta: Agnes Callus***

*Lit-tfal żgħar Maltin u lil dawk ta' pajjiżi oħra x'se nħallulhom bħala wirt tad-dinja? Se nħallulhom il-mibegħda u l-ġlied? Id-dinja fiha wkoll is-sabiħ tagħha. Dan hu li għandna nħallu bħala wirt f'qalb uliedna: it-tama ta' futur aħjar.*

Ħares ftit ara madwarek,
F'kull pajjiż li hawn fid-dinja
Tħoss il-ferħ u tara n-niket
Karba għall-paċi għalenija.
Lit-tfal ċkejkna x'se nħallulhom,
Meta ntemmu l-ħajja tagħna,
Ħajja ħelwa, ħajja morra
Dik li xxettlet, kibret magħna.
X'ikun il-wirt sabiħ li rrid inħalli,
Farfett jittajjar ħelu fuq il-fjura,
Idejn ta' omm ferħana jerfgħu tarbija,
F'egħlieqi kollha ward, mimlija ħdura.
Iżda le!
Bħala wirt għandna l-bombi,
Għandna l-odju u l-istmerrija,
Għandna l-biża' li jġib miegħu,
It-theddid ta' gwerra kbira.
X'ikun il-wirt li jien ma rridx inħalli
Ma rridtx suldati fl-art imgħarrqa f'demmhom
Ma rridtx li nisma' ilfiq ta' nisa armla,
Ma rridx tfal orfni żgħar bla għeżież tagħhom.
Iżda le!
Lit-tfal tagħna rriduhom,
B'daħka ċkejkna fuq wiċċ hieni,
Inħallulhom tħabbat f'qalbhom,
Tama ġdida fil-ġejjieni.
Lit-tfal tagħna irriduhom,
B'daħka ċkejkna fuq wiċċ hieni
Inħallulhom tħabbat f'qalbhom
Tama ġdida fil-ġejjieni.

# Orqod Ibni



*Kliem u Mużika:*
*Mario Debono*

***Kantanta: Merga***

*Tarbija tibki f'nofs ta' lejl... Forsi għandha l-għatx jew qiegħda tibża'. Xi ħadd, l-omm jew il-missier, iqum, jerfagħha u jkantalha din l-għanja li tesprimi s-sens ta' tama, serħan u sigurtà.*

Orqod ibni bħall-Bambin
ix-xemx niżlet sar il-ħin
orqod ibni, tibki xej'
isma' l-qniepen nofs il-lej'.

Erfa' għajnejk lejn is-smewwiet
kemm għasafar bil-mijiet
jieklu u jorqdu bla nkwiet xej'
serraħ rasek fil-Mulej.

Orqod ibni strieħ fil-kwiet
ara l-kwiekeb fuq l-għoljiet
is-sħab kollu tar mar-riħ
għada jisbaħ jum sabiħ.

Ħares lejn is-siġar kbar
kemm iħaddru lejl u nhar
hekk tkun ħajtek tibża' xej'
jekk int tafda fil-Mulej.

Taqtax qalbek mill-futur
ara d-dinja ddur iddur
inti egħżeż minn tant fjur
li malajr jidbiel u jmur.

Jekk il-baħar jerġa' jqum
taqtax qalbek ftit idum
jerġa' l-bnazzi fuq din l-art
jgħaddu x-xitwa, l-ksieħ u l-bard.

Orqod ibni tibki xej'
isma' l-qniepen nofs il-lej'
orqod ibni, sar il-ħin
orqod ibni bħall-Bambin.



# Kont Ħsibt Illi L-Imħabba

*Kliem, Mużika u Kant: Manwel Mifsud*

*Meta kont żgħir kont noħlom li nfassal għalija l-Imħabba perfetta, ideali, 'il barra miċ-ċirku tat-tbatijiet tiegħi.... Illum li ġarrabtha, l-Imħabba sibtha iktar reali, magħġuna ma' l-esperjenza mżewqa ta' ħajti; imgħallma li ma tieħu ordnijiet mingħand ħadd.*

Kont ħsibt illi l-Imħabba
kostanti u perfetta,
kollha ħalf u vendetta
bħal Romeo u Ġuljetta...

imma sibt li bħal kull ħaġa
hija mxellfa
għax fiha l-kompromess
u fiha t-telfa.

Kont ħsibt illi l-Imħabba
tapit illi jifilħek
u bogħod mill-art jisirqek
u f'Art il-Ħolm jitilqek...

imma l-Imħabba jiena sibtha
f'kedd il-jum,
fil-ħidma, t-tama, n-niket
ta' kuljum.

Kont ħsibt illi l-Imħabba
hi ġibda ideali,
m'għandhiex mill-materjali,
tista' tgħid spiritwali...

imma sibt li dment li l-ġisem
qiegħed hemm,
l-aqwa ġibda tibqa' dejjem
dik tad-demm.

Kont ħsibt illi l-Imħabba
hi kaxxa li tiftaħha,
tagħbija li tiflaħha,
hi ġlieda li tirbaħha...

imma llum naf illi l-Imħabba
tirbħek hi,
u għax ikbar minni
ma nafx ngħid x'inhi.

# Kif Ħabbew Missirijietna

*Kliem: George Zammit*
*Mużika: Joe Naudi*



*Kantant: Nicholas Borg*

*Fl-imgħoddi, meta familja kien ikollha xebba għaż-żwieġ, kienet tpoġġi fuq ħarrieġa ħdejn tieqa qasrija b'xitla. Il-ġuvni mħajjar għaż-żwieġ kien joqgħod taħt it-tieqa sakemm ix-xebba tittawwal. Jekk jogħġobha titfagħlu warda; inkella, tagħlaq it-tieqa. X'ħajja sempliċi, iżda hienja, kellhom missirijietna!*

Kif għosfor dak iż-żmien – meta għażeb kull tant kien
fil-għoli jilmaħ tieqa – b'xi ħarrieġa qisha ġnien!
U par għajnejn jitbissmu – qishom kollha nirien.

Xi ħlewwa, dak iż-żmien! – ħarrieġa kollha lwien
x'imħabba kienet tfisser – għal kull min jilmaħha kien!

Xi ġmiel, dik il-ħarrieġa! – Minn warajha tħares lejh
ix-xebba, biex lill-għażeb – turih li lilu tagħżel;
titfa' warda; u hu, mgħaġġel – iressaqha lejn xofftejh.

B'sinjal ta' mħabba u qima – juriha l-ikbar stima,
u jbusha mat-tislima b'idejh.

Dan, mela, n-namrar kien
għaż-żgħażagħ, dak iż-żmien!
il-ġuvni jilmaħ tieqa – u jistenna hemm ħosbien;
sakemm, minn wara l-ħġieġa – jidher wiċċ kollu ġmiel.
U jekk, kif lejha jdur – ix-xebba titfa' fjur,
dak kien ifisser "IVA" – u bil-ferħ il-ġuvni jfur.

Pero' miskin dak l-għażeb
jekk demm miegħu ma jkollhiex,
għax b'ħeffa tal-għaġeb – tagħlaq it-tieqa; u mgħaġġel
dak jifhem li, bħala raġel m'għoġobhiex!

U b'qalb għalxejn mixtieqa,
u b'wiċċu wiċċ id-dieqa,
igħid f'qalbu: "Di' t-tieqa żgur m'aħniex!"

U hekk, il-bużnanniet – tul dawk iż-żmenijiet
bil-kwiet kienu jiftiehmu – kif isiru ż-żwiġijiet;
u għarfu jgħixu hienja – u jinħabbu fis-skiet.

Kemm kienu jiddivertu – f'nofs il-Port, jew għall-arja,
f'Lapsi nkella nhar l-Imnarja fil-buskett!

Xalata f'xatt il-baħar – għalihom kienet seħer.
U l-festa tar-raħal
kemm ferrħithom, serrħithom, nissiethom kull hemm!



# Aħna l-Maltin

*Kliem u Mużika:*
*Joe Tanti*

*Kantanti: The Greenfields*

*Il-Poplu Malti huwa poplu ddedikat għal ħidmietu, reliġjuż u ferrieħi. Imma għandu wkoll difett kbir: dak tal-firda li teżisti bejnietna fuq diversi aspetti tal-ħajja tagħna. Qegħdin erbgħa min-nies kollox, f'din il-gżira mżejna bi ġmiel naturali. Kieku naslu biex niftiehmu bejnietna m'għandniex għax ma nkunux qisna ġenna ta' l-art.*

Aħna poplu l'għandu storja twila
Illi tifrex sew matul is-snin
U ma' dan iż-żmien li għadda fuqna
Minn ħaddieħor sirna magħżulin.
Poplu bieżel u x-xogħol iħobbu
Tista' tgħid li anki ddedikat
Iżda jekk xi ħaġa tiġi kontra
Ġewwa l-Ġenna żgur ma jibqa' ħadd!
Aħna l-Maltin – erbgħa kollox ġo dil-gżira magħġunin
Kemm se ndumu ma nintebhu fiex qegħdin
Bil-politika mifrudin
Fuq il-festi miġġildin
U fuq mitt ħaġ'oħra aħna miksurin
Aħna l-Maltin.
Aħna poplu illi nħobbu l-festi
Tgħidx kemm brijju nagħmlu w nisparaw
Iżda żgur li l-qaddisin mis-sema
Ma tantx jieħdu gost b'dak li jaraw
Għandna knejjes ma' kull erba' passi
U l-quddies immorru nhar ta' Ħadd
Iżda jekk ikollok xi tgħid miegħi
Fil-familja ma nħallilek ħadd!
Aħna l-Maltin.....
Aħna poplu illi nħobbu ngħinu
Lit-turisti u lill-barranin
'żda bejnietna mħabba il-kuluri
Ma tantx nista' ngħid l'aħna ħelwin.
U kemm aħna sbieħ min jaf jarana
Għandna l-baħar, xemx u ġonna ward
U ma nafx għax ġo dil-gżira tagħna
Ma ngħixux ilkoll f'ġenna ta' l-art.
Aħna l-Maltin....
Kemm se ndumu naħlu 'l ħin
Ma nistgħux nibqgħu reqdin.
Mela 'nqumu b'għodwa ġdida, magħqudin
Aħna l-Maltin.

# Toni l-Fanfru



*Kliem u Mużika:*
*Anthony Vella*

*Kantanti: Freeway*

*Ix-xwejjaħ Toni jħobb wisq jigdeb u jiftaħar, kif ukoll jippretendi li hu iżgħar milli fil-fatt hu. Erħilu jiftaħar u jredden malli jkollu lil min jisimgħu. Għalhekk, malli tarah ġej aħjar iddabbar rasek qabel ma jistordik bil-paroli.*

Fir-raħal fejn noqgħod jiena
Jgħix baħbuħ mgħobbi bl-età
U kull darba li jitkellem
Jgħawweġ ftit il-verità.
Dan seħibna jismu Toni
Għalkemm xiħ tgħidx kemm iridha
Jilbislek dejjem mal-moda
Jgħidlek – ''Jien għadni ħadida!''

Ara ġej Toni l-Fanfru
Kollu ċajt kollu tlablib
Jekk int għandek aptit tisma'
F'Toni kumpanija ssib.
Iżda jekk m'għandekx aptitu
Gideb ma tridx tisma' w stejjer
Hekk kif jiġi ħdejk iredden
Kun pront għidlu jibqa' sejjer!

Meta miegħu targumenta
Ara ma ssaħħanlux rasu
Għax jibda jitmasħan, jgħajjat
Biex in-nies żgur tagħti kasu.
Imbagħad lilek iġiegħel tisthi
U jkun jaqbillek tirtira
Qabel ma jfettillu jgħidlek –
''Nagħmlu mħatra għal elf lira!''

Ara ġej Toni l-Fanfru....

Iżd' għalkemm iħobb jiffanfra
Lilu qatt ma rajt bil-buli
Lest biex jgħin u qalbu tajba
Toni bniedem tassew dħuli.
Aħna lilu lkoll drajna
U kulħadd iħobbu w jagħdru
Għax kif jgħidu 'kk tond titwieled
M'għandekx tama li tmut kwadru.

Ara ġej Toni il-Fanfru....

Għidlu ''Ton, tridx tmur tixxejjer!''

# Irrid Noħlom



*Kliem: Anthony Vella*
*Mużika: Joe Grech*

*Kantant: Sammy Bartolo*

*Nitnikktu meta naraw it-tbatijiet ta' dawk li jsofru l-gwerer, il-ġuħ, il-mard u l-inġustizzji. Għalhekk ejjew għal ftit noħolmu b'dinja sabiħa li ma tafx miżerji; dinja mimlija biss bil-ferħ u bil-paċi fejn il-ħajja tkun sabiħa daqs poeżija.*

Ma flaħtx nar' aktar dmugħ jixxerred
Ma flaħtx nism' ilħna mbikkijin
Ma ridtx indawwar aktar ħarsti
Ma ridtx nissokta f'dat-thewdin.
Għajjatt kemm flaħt – ħadd ma ta kas.
Staqsejt ma bla tweġiba bqajt....

Għax rajt bnedmin iqarrqu b'għajrhom
U smajt il-karba tal-muġugħ
Ingħafset qalbi – nfexxejt nibki
X'ħin rajt lil min isofri l-ġuħ

Għajjatt kemm flaħt – ħadd ma ta kas.
Staqsejt ma bla tweġiba bqajt...

Ħalluni noħlom b'dinja hienja
Fejn hemm il-paċi, l-armonija
Fejn uġigħ m'hemmx u lanqas biki
Ħalluni ngħix f'dil-fantasija.
  Ħalluni 'l bogħod intajjar ħsiebi
  Mal-kant ferrieħ u l-poeżija
  'Il bogħod mill-krib u mill-miżerji
  Ħalluni noħlom kull fl-għaxija.

Ħalluni noħlom b'għada aħjar

# Il-Manxar



*Kliem: Mary Grech*
*Mużika: Mario Debono*

*Kantanti: Myriam u Mario Debono*

*Il-ħajja tinbidel u magħha jinbidlu d-drawwiet tan-nies. Sa ftit ilu l-mara kienet titla' fuq il-bejt tonxor il-ħwejjeġ u tittama fix-xemx ħanina. Il-lum għandna l-magni li jagħmlu x-xogħol eħfef u iktar malajr.*

Jekk mal-manxar tara l-ħrieqi
tgħid - żgur kellha xi tarbija
jekk flok sitta tara tnax
tgħid - tewmin hemm fil-fisqija.

Ħalli nfittex nitla' nonxor
forsi jinxfu ma jdumux
hawn il-labar, mesħa l-ħbula
għandna mmorru u ma nbatux.

'kk ma tarax ħlief jeans u T-shirts
tgħid – kibrulha t-tfal tagħha
u jekk tilmaħ xi franella
tgħid – lin-nannu ġabret magħha.

Ħalli nfittex nitla' nonxor
forsi nilħaq naqra xemx
hawn il-labar, mesħa l-ħbula
għax mal-ħwejjeġ festi m'hemmx.

Bdejt niddejjaq b'dan il-manxar
m'hemmx li ngawdi l-libertà
tumble drier fittex ġibli
ħalli jkolli l-kumdità.

Flok il-manxar nagħmel serra
ngħaddi ż-żmien insaqqi l-qsari
hekk insir mara moderna
ma nibqax bħan-nies ta' dari.



# Jisbaħ Għada

*Kliem: Julie Brincat*
*Mużika: Sammy Galea*

*Kantanta: Judith Cassar*

*Ġieli nintilfu f'ħajja mgħaġġla; dejjem ġlieda mal-ħin. Ninsew il-ġmiel tan-natura u l-wiċċ ta' ħutna l-bnedmin li jistgħu jkollhom bżonn l-għajnuna tagħna. M'għandniex ħin nieqfu biex nifhmu. Tama waħda biss għandna: dik li għada jkun aħjar mil-lum.*

Kif insejt il-ħarsa msaħħra f'għajnejn is-sema blu?
Il-ħoss ta' l-ilma jgelgel, il-kant sabiħ tat-tjur,
Kif insejt wiċċ l-għabex, il-ħmura taż-żerniq?
Id-dehra pittoreska hemmhekk minn fuq l-għoljiet.

Kif insejt wiċċ ħija l-bniedem li lili kellu bżonn?
meta hu staqsa għalija, għalih jien hemm ma kontx.
Bqajt għaddejja dritta, ħin nieqaf ma kellix,
Le din it-tip ta' ħajja jien għada żgur ma rridx!

Jisbaħ għada w napprezza l-ħajja
Ser nitgħaxxaq bi ġmiel il-ħolqien,
Nogħxa għall-għana ta' l-għasfur,
Nitpaxxa bl-isbaħ fjur.
Niftaħar b'dinja t'elf kulur.

Idejja niftaħ għall-imħabba,
Nagħti 'l ħajti sens u skop,
Għajnejja jħarsu 'l quddiem,
Lil qalbi, 'l moħħi rrodd is-sliem,
Għada fommi jferra' kliem sabiħ, ta' ġieh.

Kif qatt jien stajt ninsa ta' madwari l-ġmiel?
U l-ħbiberija setgħet tkun ta' xkiel?,
Intlift f'ħajja mgħaġġla, ta' qalbi l-bieb għalaqt,
'mma dak il-bieraħ kien marbut biss mal-passat.

Jisbaħ għada w napprezza l-ħajja,.......



# SKI mal-Y.T.C.

VAGANZI
TAX-XITWA
1987/88

VAGANZI ta' ĠIMGĦA f'Diċembru, Frar u Marzu f'dawn l-ibliet: MUNICH, PARIĠI, VJENNA, INNSBRUCK, AMSTERDAM, KAJR, BERLIN, RUMA, ATENI.
Safar fis-Sajf għal ħafna destinazzjonijiet fl-Ewropa.




Booking:
Y.T.C.
227 Merchant's Street,
Valletta.
Tel: 233893

# KARTOLINA

L.P. ippubblikata mill-Y.T.C. li fiha 13-il għanja tal-Milied bil-Malti u oriġinali.
Rigal sabiħ għal ħbiebek u għal niesek emigrati.
Tinstab ukoll bħala *Cassette*.




---

# IKUN LI TRID INT

L.P. ippubblikata mill-Y.T.C. li tirrakkonta l-Passjoni u l-mewt ta' Kristu.
Xogħol sabiħ u originali.
Tinstab ukoll bħala *Cassette*.